# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Kumitat 2020

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Leonard Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Assistent Teżorier**
Owen Caruana

Ġunju 2022 Ħarġa Nru 23

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Il-mawra annwali t'Għawdex din is-sena, wara nuqqas ta' sentejn, kienet tista tgħid ta' suċċess għall-Għaqda fejn attendew il-fuq minn 50 ruħ. Il-Kav. Joe Attard ħa ħsieb idawwarna mall-kappella Ta' Savita u dik ta' San Ġakbu (tat-Tokk), mas-Santwarji ta' Pompej u tal-Grazzja. Tagħna wkoll informazzjoni interessanti fuq post.

Issa li se jidħol is-sajf, nieqfu mill-attivitajiet, kif ukoll mill-ħruġ ta' din il-pubblikazzjoni.

Nerġgħu niltaqgħu f'Ottubru.

N. Gingell

*Għal Kumitat*

## KNISJA TA' ĠESU NAZZARENU, iż-Żejtun



Fost in-numru sabiħ ta' kappelli li wieħed isib fir-raħal taż-Żejtun, minbarra il-parroċċa meraviljuża ta' Santa Katarina, wieħed isib knisja, aktar milli kappella, iddedikata lil Ġesu Nazzarenu. Din tifforma parti mill-kunvent tas-Sorijiet Missjunarji ta' Ġesu Nazzarenu, magħrufa bħala tas-'Sindku'. Dan għaliex kienet is-sinjorina Giuseppina Curmi, bint is-Sindku Dott Paolo Curmi, li waqqfithom. Il-kongregazzjoni tas-Sorijiet ġiet appprvata fis-6 t'April 1934.

Filwaqt li l-Istitut beda jinbena fl-1913, kien fit-12 ta' Lulju 1953 li l-Isqof Mons Emanuele Galea, Isqof ta' Tralles, Isqof Awżiljarju ta' Malta u Vigarju tad-Djoċesi Maltija, u li għex l-aħħar 24 sena ta' ħajtu fl-Istitut stess, li qiegħed l-ewwel ġebla ta' din il-knisja. Huwa kien wera interess u kura ta' missier mas-Sorijiet u t-tfal tal-Istitut . Kien l-istess Isqof Galea li kkonsagra l-knisja fis-16 ta' Lulju 1958.

## ATTIVITÀ GĦAL ĠUNJU

**Data:** il-Ħadd, 26 ta' Ġunju

**Lokalità:** Ħal Lija

**Inżuru:** il-Kappella ta' San Andrija, i-Kappella ta' San Pietru (tas-Sorijiet)u dik tas-Salvatur (parroċċa l-antika)

**Aktar informazzjoni tingħata fiċ-ċirkolari li se tirċievu dalwaqt.**



*Faċċata tal-Institut*

Din il-knisja nbniet fuq id-disinn u pjanta tal-Perit E Vassallo fuq stil Neo-Romanesk. Dan l-istil ta' arkitettura daħal f'Malta fi żmien it-tieni nofs tas-seklu 19, liema stil kien aktar ppreferut mill-Knisja Maltija milli dik tan-Neo-Klassiku, bħal dik tar-Rotunda tal-Mosta. Dan għaliex il-Knisja Maltija rat l-istil Neo-Klassiku bħala għodda mill-Ingliżi sabiex jimplimentaw il-politika ta' Anglizazzjoni tagħhom f'Malta. Knejjes tipiċi fuq stil Neo-Romanesk f' Malta insibu dik tal-Madonna ta' Pinu fl-Għarb, Għawdex; dik ta' San Antnin ta' Padova f'Għajn Dwieli; oħra ta' Sant Antnin f'Birkirkara; San Girgor f'Tas-Sliema; Qalb ta' Ġesu fl-Istitut ta' Ċini f'Santa Venera; San Pietru fil-Ktajjen f'Birżebbuġia; u l-kappella taċ-Ċimiterju ta' Braxia, għalkemm din mhiex tal-Kottoliċi.

Din il-knisja tas-Sorijiet fiha tliet artali, bil-maġġur ddedikat lil Ġesu Nazzarenu. Il-kwadru titulari huwa xogħol tal-pittur Żejtuni stess, Ġużeppi Caruana. Iż-żewġ artali oħra tal-ġnub huma ddedikati lil Maria Addolorata u lil San Ġużepp..

Wieħed isib ukoll twieqi sbieħ bi *stained glass* u kolonni tal-irħam mastizz, li jdawru l-knisja u li fuqhom iserraħ il-gallarija. Jekk wieħed jifli sew dawn il-kolonni, wieħed jinnota li kull kolonna għanda kapitell differenti mill-oħrajn.

L-Istitut hu magħruf ukoll għal presepju kbir mekkanizzat li jiġi mtellà mis-Sorijiet, bl-għajnuna ta' voluntieri, li ħafna nies iżuruh matul iż-żmien tal-Milied. Dan kien inħadem minn Pawlu Pavia fuq ix-xewqa ta' zijuh Monsinjur Emmanuel Galea . Pawlu għamel żmien twil jaħdem bħala tekniku fil-power station l-antika fix-xatt tal-Belt. Sa dak iż-żmien kien jeżisti presepju ieħor, ħafna aktar żgħir. Kellu numru ta' pasturi li kienu jiċċaqalqu permezz ta' spaga li t-tfal tal-istitut stess kienu joqogħdu jiġbdu minn taħt mejda. Fl-1946 Pawlu neħħa l-presepju li kien hemm u minflok bena dak li hemm illum bil-qies ta' 27 pied tul b'20 pied wisa'. Taħt id-direzzjoni tiegħu, xi bennejja fetħu tlett twieqi filwaqt li l-mastrudaxxi bnew il-pjattaforma tal-presepju. Swor Pawlina Gauci li flimkien ma' Swor Anġela (illum mejta) kellha f'idejha r-responsabbiltà biex tlibbes lill-pasturi. Fil-Milied tal-1947 l-Isqof Galea fetaħ il-presepju għall-pubbliku. Pawlu Pavia dam jieħu ħsieb dan il-presepju għal aktar minn 60 sena fejn bil-mod il-mod inbnew diversi xeni u llum hemm mat-80 pastur. Il-kuratur preżenti ta' dan il-presepju li jiġi n-neputi ta' Pawlu, Joseph Pavia.




*Il-presbiterju armat għal żmien ir-Randan*

Dan l-Istitut ta kenn lil hafna tfal orfni jew li kienu gejjin minn familji bi problemi, ta' sehem tieghu ma' ghaqdiet ohra biex fih sabu refugju nies bi problemi kif ukoll biex fih laqgha familji ta' refjugati.

***Kitba ta' N Gnigell.***
*Din il-kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba, artikli u mill-Internet.*



Xellug: perspettiva **ta' quddiem**

Lemin: perspettiva **ta' wara u l-**gallarija li ddur mal-korsija





Ġesu Nazzarenu: pittura u statwa





Statwa tal-Madonna



**Statwa ta' San Ġużepp**



**Statwa ta' San Pawl**



**Statwa ta' San Pietru**

Ritratti: N Gingell, u L Agius

## KNISJA TA' SANTA KATARINA L-QADIMA (SAN GIRGOR), ZEJTUN



Iż-Żejtun huwa raħal antik ħafna, hekk li żgur kien jeżisti fi żmien l-era Rumana f'Malta kif jixhdu l-iskavi li nstabu fejn illum hemm l-iskola sekondarja tal-bniet, fejn ġie skavat kumpless agrikolu Ruman kif ukoll oqbra Puniċi / Rumani fl-inħawi. Instab ukoll numru kbir ta' fuħħar Ruman. Il-kumpless agrikolu juri li kien hemm produzzjoni kbira taż-żejt taż-żebbuġ.

Billi l-kult Kristjan f'dak iż-żmien bikri kellu l-użanza li jibni l-knejjes għal qima fejn kien hemm xi tempju pagan, bħal ma sar f'Tas-Silġ, fejn Bażilika Biżantina nbniet fejn kien it-tempju ta' Ġuno, u f'Tal-Baqqari fil-limiti taż-Żurrieq fejn skont it-tradizzjoni nbnew żewġ kappelli tal-Verġni Mqaddsa u Santa Katarina, fuq struttura antika, l-istoriċi jemmnu li l-kappella hekk imsejħa ta' San Girgor inbniet fuq xi sit pagan.

Għalkemm il-bini ta' l-ewwel knisja mhux magħruf eżatt, huwa żgur imma li nbniet wara il-konkwista tan-Normanni fl-1090, meta l-Katidral tal-Imdina twaqqaf. Uħud mill-istoriċi huma tal-fehma li l-bini tal-kappella huwa tat-12-il seklu. Għalkemm il-knisja hija tista tgħid Romaneska, hemm evidenza ta' stili Rinaxximentali u Barokki. Għalkemm hemm min jaħseb li parti mis-saqaf huwa stil Gotiku, dan l-istil ma kienx daħal f'Malta qabel is-seklu 16, imma arkati bil-ponta kienu wkoll jinstabu fl-istil Romanesk.

Billi l-qima lejn Santa Katarina beda wara li l-Papa Gwanni XXII (1316-1334) introduċa l-venerazzjoni lejn din il-qaddisa fil-knejjes tal-Punent fil-bidu tas-seklu 14, x'aktarx li l-ewwel knisja kienet iddedikata lil Verġni Mqaddsa bħal ħafna oħrajn f'Malta dak iż-żmien.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li Malta kienet taħt id-dominju Biżantin għal aktar minn 300 sena (558-870). Din hi r-raġuni għala ħafna kappelli kienu dak iż-żmien ddedikati għal qaddisin tal-Lvant. Huwa kkalkulat mill-istoriċi li mill-500 kappella li kien hawn f'Malta sa nofs is-seklu 16, mal-200 kienu ddedikati lil Verġni Marija, 36 lil San Nikola, 19 lil San Ġwann il-Battista, u 18 lil Santa Katarina. Għaldaqstant hu probabbli li din il-knisja ċkejkna f'forma rettangolari, twaqqfet qabel l-1436 b'dedikazzjooni lejn il-Verġni Mqaddsa.

Fl-1436 l-isqof de Mello kkummissjoni erba' kanonċi tal-katidral biex jiġbru l-lista tal-prebendi, kanonikati u benefizzji, u d-dħul finanzjarju ta' kull saċerdot li kien igawdihom. Jissemmew tnax-il *cappella* (parroċċa) inkluż dik tal-kappella ta' Santa Katerina fir-raħal ta' *Bisqallin*. Il-kappillan ta' dak iż-żmien kellu r-responsabilta tal-ġid spiritwali tax-xlokk ta' Malta kollu jiġifieri responsabbli min nies, apparti tal-inħawi ta' Santa Katarina, dawk ta' Ħal Tmiem, Ħal Ġilwi, Ħal Dmikki, Ħal Ġwann / Bisbut (ir-raħal ta' fuq), Bisqallin (ir-raħal t'isfel), Ħal Għaxaq, Ħaż-Żabbar, Wied il-Għajn, Marsaxlokk u l-Bajja ta' San Ġorġ f'Birżebbugia.



Tipikament ta' kappella medjevali kellha forma rettangolari, b'faċċata sempliċi, bid-daħla ta' quddiem ikollha ħnejja ftit għal ponta u bis-saqaf tax-xorok, imserħa fuq ħnejjiet li kienu gejjin għal ponta, stil Sicolo-Norman. Serviet bħala l-ewwel parroċċa taż-Żejtun għal madwar 100 sena, meta ġiet mibnija mill-ġdid. Il-knisja l-ġdida wkoll kella forma rettangolari, iżda kienet akbar bis-saqaf iktar sofistikat. Ix-xorok tas-saqaf tpoġġew iduru mal-ħnejjiet bil-ponta.

Fi Frar tal-1575, Monsr Dusina żar ir-raħal taż-Żejtun u dar 19-il knisja tal-akkwati li 7 minnhom kienu fiż-Żejtun li nafu llum, u l-bqija kienu fl-estenzjoni tal-parroċċa. Il-knisja sabha fi stat tajjeb, u jgħid li kienet kbira mhux ħażin, sabiħa u mbajjda. Fuq il-lemin tal-knisja kien hemm ċimiterju żgħir imdawwar b'ħajt.

Wara l-assedju tal-1565 bil-popolazzjoni tal-parroċċa taż-Żejtun tikber inħass li l-knisja ta' saret żgħira. Il-knisja kienet għadha tikkonsisti fil-korsija tal-knisja tal-lum, u mal-ġenb tagħha fejn illum hemm iz-zuntier, kien hemm l-kappella privata tal-familja Bonnici.

Kien il-Kantur tal-Katidral tal-Imdina, il-Kanonku Luca Bonnici, responsabbli mill-knisja taż-Żejtun, li bejn l-1593 u l-1603 ried li jkabbar din il-knisja u jagħmilha fuq forma ta' salib. Inbnew żewġ kappelluni ġodda imsaqqfa bi stil Gotiku, li jaqsam is-saqaf f'erba' divizzjonijiet, bix-xorok ingastati sewwa fil-kustilji. Il-bsaten, jew kustilji, jibdew mill-baxx u jitilgħu 'l fuq, u fejn jaqsmu naraw rużun ċkejken bi skultura rqiqa, bil-Madonna tar-Rużarju fil-kappellun tat-Tramuntana, u b'San Pawl fil-kappellun tan-Nofs in-Nhar. Fl-ewwel wieħed hemm imnaqqxa d-data 1593 u fl-ieħor id-data turi l-1603. Biż-żieda tal-kappelluni din il-knisja kienet l-ewwel waħda f'Malta wara l-Konċilju ta' Trentu li kellha forma ta' Salib Latin.

X'aktarx li għall-ewwel ma kien hemm ebda intenzjoni li tinbena koppla u l-ħsieb kien li din il-parti tissaqqaf bħall-kappelluni.. Il-bini ta' koppla fil-knejjes kif nafuhom illum beda fl-1592, u sa l-1655 inbnew dik tal-Ġiżwiti tal-Belt (1592), ta' Ħaż-Żabbar (1606), Ħ'Attard (1613), Naxxar u Għargħur (1630), Żurrieq (1631) u ta' Birkirkara l-qadima (1655).



*Il-koppla baxxa*

Il-koppla li saret kienet primittiva, baxxa b'forma ta' skutella maqluba, b'tanbur baxx imma kellha lanterna, li kienet inqerdet f'Ottubru tal-1759 f'maltempata kbira. Il-knisja tieħu d-dawl minn twieqi fil-kappelluni. Koppla simili hija dik tal-knisja parrokkjali l-antika tas-Salvatur f'Ħal- Lija, b'xebħ wkoll fil-faċċata tagħha.

Il-faċċata tal-knisja ukoll ġiet mibdula maż-żmien l-aktar meta ġie miżjud bieb stil rinaxximentali b'kampnar ċkejken. Saret ukoll tieqa żgħira *(oculus)* li ddawwal il-knisja minn ġewwa. Filwaqt li l-faċċata hija eleganti, in-naħa ta' wara tal-knisja minn barra tagħtik l-impressjoni li hi xi fortizza aktar milli knisja billi l-ħajt hu mifrud b'żurżieqa tal-ġebel bl-għan li jsaħħaħ lil dahar tal-knisja.

Fuq il-ħitan ta' barra hemm numru ġmielu ta' graffiti li juru disinji ta' xwieni u biċċiet tal-baħar. Hemm ukoll graffiti antiki li juru l-istilla ta' David minfuda bi vleġġa. Id-dniefel (*buttresses*) li jifirdu l-ħitan laterali minn barra saru fuq disinn ta' Ġużeppi Hyzler fis-seklu 19, biex jgħinu l-ħitan jilqgħu l-piż tas-saqaf .

L-istatwa ta' San Girgor il-Kbir li qedgħa quddiem il-knisja, inħadmet minn Salvu Dimech fuq disinn ta' Vincenzo Hyzler, bi spejjeż ta' Annetto Casolani fl-1838. Din l-istatwa saret minħabba l-purċissjoni kbira li kienet issir mill-Imdina sa din il-knisja, hekk li l-istatwa ma tħarisx lejn il-knisja imma lejn l-Imdina.



*L-artal ewlieni*

Il-knisja fiha tlett altari, dak maġġur li hu ddedikat lil Santa Katerina, it-titular tal-parroċċa taż-Żejtun, u żewġ altari oħra li nsibuhom fil-kappelluni tal-Karmnu u ta' San Girgor.

Il-pittura li nsibu fl-altar maġġur tirrapreżenta l-martirju ta' Santa Katerina permezz tar-rota bis-skieken. Għalkemm mhix ta' valur artistiku, xorta għandha preġju speċjalment fil-parti t'isfel, fejn naraw numru ta' manigoldi jinqatlu mill-biċċiet tar-rota li taru meta din ġiet imfarka .. Dan il-

kwadru tpoġġa minflok ieħor li għandu valur artistiku kbir. Fuq l-altar hemm żewġ statwi kbar tal-ġebel, dik ta' Santa Katerina (xellug) u dik ta' Santa Ewfemja (lemin). Dawn l- istatwi tal-ġebel kienu saru għall-kappella tal-Kavallieri Taljani gewwa l-konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt, meta tbiddlu ma dawk tal-irħam..

L-altar tal-Madonna tal-Karmnu qabel kien iddedikat lil Madonna tar-Rużarju, li jissemma' fil-viżta pastorali tal-isqof Cagliares tal-1615, li ilum jinsab fil-mużew parrokjali taż-Żejtun. Fuqu hemm l-armi tal-Kunsill tal-Imdina u ta' Fra Pietro Gonzales, Prijur ta' Ibernia. Din il-pittura mhux magħruf min għamilha, imma żgur li ħallas għaliha l-G M Perellos, għaliex hemm l-arma tiegħu. Insibu wkoll statwa ta' San Mikiel, xogħol spanjol fl-injam u oħra ta' San Ġużepp li tinsab fil-kappellun l-ieħor. Fil-kappellun iddedikat lil San Girgor Papa hemm kwadru li jidher li hu xogħol tal-pittur Malti Cassarino, li mexa fuq l-istil ta' Caravaggio



Madonna tal-Karmnu

Il-kwadru titular preżenti sar minflok ieħor antik li għandu preġju kbir. Dan il-kwadru, li llum jinsab fil-mużew tal- knisja parrokkjali taż-Żejtun, juri l-qtugħ ir-ras ta' Santa Katerina. Fil-viżta tal-isqof Cagliares fl-1615 jirreferi għal din il-pittura bħala "*pittura ġdida* (*recenter depinta*) *fuq canvas ta' preġju artistiku kbir*". Dan il- kwadru jġib l-arma tal-Kavallier de Castellit, il-Prefett tal-Kavallerija tal- Gran Mastru.. Il-pittura turi lil Santa Katerina b'rasha maqtugħa ħdejn ġisimha bla ħajja. Qalb il-grupp ta' nies aġitati hemm kavallier armat, li jista' jkun Fra Philippus de Castellit li kummissjona l-kwadru. Dan il-kwadru hu attribwit lill -pittur Malti Giulio Cassarino għalkemm xi studjużi iqisuħ bħala "*ta' artist mhux magħruf*". L-istil li hu mpitter bih jixbaħ ħafna l-pitturi ta' Caravaggio għaliex hemm xebħ impressjonanti bejn dan il-kwadru u l-pittura tal-qtugħ tar-ras ta' San Gwann fil-Konkatidral ta' San Ġwann, billi hemm xebħ fl-uċuħ tal-bojja u fl-irjus tan-nisa mbezzgħin. Jidher xebħ kbir ukoll bejn wiċċ Fra Philippus u tal-wiċċ tal-GM de Wignacourt fil-kwadru tiegħu, ukoll ta' Caravaggio (Mużew tal-Louvre f'Pariġi).




*It-Titular*

Wara li nbniet il-knisja l-ġdida ta' Santa Katarina fejn qedgħa llum fiċ-ċentru tar-raħal, dik ta' San Girgor għaddiet minn żminijiet koroh hekk li fl-1708 l-Isqof Coco Palmieri ordna biex parti mill-knisja tinħadt u l-ġebel jintuża għal bini tal-knisja l-ġdida. Hekk li maż-żmien spiċċat mitluqgħa u żdingata tant li serviet bħala maħżen għas-sajjieda. Kien il-Kantur Giovanni Maria Bonello li fl-1727 ħadem biex il-knisja titranġa u tissewwa u tinfetaħ mill-ġdid għal pubbliku.

Wieħed irid isemmi il-purċissjoni ta' San Girgor li tmur lura ħafna fiż-żmien. Fil-fatt sa mill-1781, f'jum il -festa ta' San Girgor, bdiet issir l- ewwel Erbgħa wara l-Għid il-Kbir. Maż-żmien saret purċissjoni nazzjonali, immexxija mill-Isqof innifsu. Il-purċissjoni kienet titlaq mill-Katidral tal-Imdina u tasal saż-Żejtun. Hawn kienet issir quddiesa u talb ieħor. Iżda maż-żmien tqassret minħabba tilwin ta' minn għandu jimxi quddiem u minn wara. Fil-preżent il- purċissjoni toħroġ mill-knisja ta' San Klement (fiż-Żejtun stess) għal dik ta' San Girgor.

***Kitba N Gingell***

***Informazzjoni misluta minn diversi kotba u mill-Internet.***



**Perspettiva ta' quddiem**



*L-arkati u perspettiva wara*



*Il-koppla minn taħt*



*San Girgor il-Kbir, Papa*



*In-naħa **ta' wara tal**-knisja tagħtik l-**impressjoni ta' xi fortizza,** imma l-iskop kien biex isaħħaħ id-dahar tal-knisja*



*L-**istatwa ta' San Girgor ħ**ares lejn l-Imdina*

*Ritratti: N Gingell, U L Agius*

## TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*



**KAPTELL** **1.** Il-ġebla ddekorata ta' fuq il-kolonna jew pilastru li fuqha jserraħ l-**ARKITRAV**. L-istil tal-kapitell ħafna drabi jkun jew dak Doriku, Ioniku, Toskan, Korintju jew xi taħlita ta' xi wħud minn dawn. **2**. Il-ħaġra mimduda li tagħlaq il-qabar minn fuq.



**KOPPLETTA** Koppla żgħira, normalment waħda minn diversi li jkunu mibnija madwar il-koppla l-kbira tal-knisja.



**KOR** L-apsida jew l-ispazju ta' wara l-altar maġġur.

*Ritratti: Joe Morana*